**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Air Malta Company Limited

*versus*

Excelair Services Limited

**Ċitazzjoni - Proċedura Sommarja Speċjali - Artikolu 167**

**tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Is-soċjetà attriċi pproċediet għall-irkupru ta' kreditu liema talba ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell. Ma nstabet ebda raġuni li setgħet tiġġustifika t-talba attriċi jew li tiġi proposta kontro-talba.*

Il-Qorti:-

Fit-12 ta' Jannar, 1996 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza f'kawża promossa bil-proċedura sommarja speċjali kkontemplata fl-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha s-soċjetà attriċi ppremettiet:

"Illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fis-somma ta' Lm2043 (elfejn u tlieta u erbgħin lira) bilanċ ta' somma akbar dovuta bħala *ground handling charges* matul is-sena korrenti;

Illi debitament interpellata tħallas dan l-ammont anke permezz ta' ittra uffiċjali, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u skadut u għalhekk hu applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Talbet li din il-Qorti, in vista tal-premess u dispensat mis-smigħ tal-kawża *ai termini* ta' l-artikolu 167 tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u in vista ta' l-affidavit hawn anness:

Tikkundanna lis-soċjetà konvenut tħallas lis-soċjetà attriċi s-*somma fuq indikata ta' Lm2043.00,0*;

Bl-ispejjeż *inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta'* Novembru, 1994, bl-imgħax legali";

Rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti l-oħra;

Rat li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata u li t-talba tagħha, magħmula fl-udjenza tal-lum *biex topponi t-talba* ġiet miċħuda;

Peress li fiċ-ċirkostanzi t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tidher ġustifikata u *jidher ukoll li hemm lok li* s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża, skond il-proċedura ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni, bl-imgħax mitlub u bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta";

Is-soċjetà appellanti tippreċiża l-aggravju tagħha hekk:

Hi ma setgħetx taqbel mas-sentenza fejn iddikjarat illi "Billi fil-fehma tagħha s-soċjetà konvenuta għandha xi pretensjoni kontra s-soċjetà attriċi għall-ammont ferm superjuri għal dak mitlub, hi tista' tipproċedi liberament għal kanônizzazzjoni tal-kreditu *pretiż* minnu u *tista'* anke tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha skond il-liġi". Għalhekk fil-

fehma tagħha (ta' l-Ewwel Qorti) mhux ġustifikata t-talba biex tikkontesta l-kawża;

L-appellanti tissottometti li ġie ampjament ippruvat li s-soċjetà minnha rappreżentata kellha eċċezzjonijiet fil-fatt u fil-liġi x'iġġib kontra l-meritu u pproduċiet fatti li jkunu biżżejjed biex jagħtuha d-dritt li topponi t-talba u li b'hekk tingħata l-fakoltà li tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet fit-terminu, skond il-liġi, biex tikkontesta l-kawża;

Li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox l-eċċezzjoni *prinċipali li* setgħet tagħti s-soċjetà konvenuta li ma kienx dovut l-ammont mitlub *minħabba overcharging* kif jidher mill-verbal tas-seduta ta' l-ewwel smigħ tat-12 ta' Jannar, 1996. L-Ewwel Qorti semmiet biss illi s-soċjetà konvenuta setgħet tipproċedi liberament kontra s-soċjetà attriċi fi proċeduri oħra, għal *kanonizzazzjoni* tal-kreditu;

Din il-Qorti qieset is-segwenti:

L-ewwel aggravju jidher ġustifikat. Mhux korett fil-liġi li jiġi sostnut illi ma kinitx ġustifikata t-talba tal-konvenuta *nomine* biex tikkontesta t-talba attriċi għaliex hi setgħet, jekk kellha pretensjoni li tisboq it-talba attriċi, liberament tipproċedi għal kanonizzazzjoni ta' dak il-kreditu. Naturalment, fi proċeduri separati. Dan għaliex il-liġi stess fl-artikolu *170 tal-*Kap. 12 tipprovdi illi fi proċedura sommarja bħal dik taħt eżami, il-Qorti kellha tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talba ta' l-attur jekk *inter alia* l-konvenut "xort'oħra ma jġibx fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu li jkunu biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li <u>jopponi t-talba jew li jagħmel il-kontro talba</u>" (artikolu 170 (1) tal-Kap. 12). U meta l-konvenut <u>jirnexxilu jissodisfa lill-Qorti</u> li hu għandu eċċezzjoni *prima facie* biex jopponi t-talba jew iġib fatt jew punti ta' dritt li <u>jitqiesu bħala</u>

bizzejjed biex jaghtih il-jed jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba, hu kellu jinghata z-zmien biex hekk jaghmel billi jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet u/jew il-kontro-talba (artikolu 2 ta' l-istess artikolu 170);

Dan ifisser illi t-test jekk il-konvenut kellux f'dawn il-kazijiet jinghata l-opportunità li jopponi t-talba attrici billi jipprezenta n-nota ta' eccezzjonijiet u/jew milli jipprezenta kontro-talba, mhuwiex dak li ma jkollux id-dritt li jipprocedi liberament biex jikkanonizza l-pretiz kreditu tieghu kontra l-attur. Ghal kuntrarju, jekk dan id-dritt ikun jirrizulta *prima facie*, il-Qorti kienet obbligata li taghti lill-konvenut l-opportunità li jipprezenta ukoll il-kontro-talba. Il-Qorti ma kellhiex allura tidderigi lill-konvenut biex jipprocedi b'azzjoni ohra kontra l-istess attur kif donna ssuggeriet is-sentenza appellata. Sa hawn l-aggravju ta' l-appellanti jidher gustifikat;

. It-tieni aggravju hu ghal kuntrarju anqas sostenibbli. Jidher mill-atti illi s-socjetà konvenuta ma ssodisfatx lill-Ewwel Qorti illi hi kellha fatti jew punti ta' dritt li setghu jitqiesu li kienu bizzejjed biex bihom topponi t-talba b'eccezzjonijiet li *prima facie* jidhru validi jew li kienu bizzejjed biex titressaq kontro-talba kontra s-socjetà attrici. Fil-verità, ix-xhieda tal-konvenuta in rapprezentanza tas-socjetà appellanti kienet f'dan ir-rigward ghal kolox kontroproducenti. Certament fir-rigward ta' l-eccezzjonijiet li ppretendiet li kellha d-dritt li tavvanza ghat-talbiet attrici. Din l-eccezzjoni kienet illi l-ammont pretiz ma kienx dovut minhabba *overcharging*. Il-provi wasslu biss ghall-konkluzjoni illi s-socjetà attrici kienet qed tesigi l-pagament minghand is-socjetà konvenuta ta' hlas bir-rati daqskemm kien miftiehem u mhux aktar. Mhux biss jirrizulta li ghal numru ta' snin ma kien hemm qatt kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar ir-rati imma jirrizulta illi s-socjetà konvenuta dejjem hallset skond dawn kif mitluba l-ammonti dovuti sa Mejju 1995. Kienet allura baqghet thallas ghal diversi snin

għas-servizz li kienet titlob u li kien jingħatalha skond ir-rati mitluba u minnha aċċettati. Wara dik id-data r-rati ġew imnaqqsa u minflok il-pagament baqa' *jsir lil Airmalta*, *dan* baqa' jitħallas lil Malta International Airport li bdiet tipprovdi s-servizz *hi*;

L-Ewwel Qorti deħrilha li minn dawn il-fatti ma setgħetx tasal biex tkun sodisfatta illi l-konvenuta *nomine* kellha eċċezzjonijiet validi topponi għat-talbiet attriċi. Dan naturalment *prima facie* *kif* tenuta tistabbilixxi skond il-liġi. Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx għaliex il-konvenuta *nomine* *ma* ġabet ebda raġuni plawsibbli għaliex kellha xi dritt li tesiġi r-ripetizzjoni mingħand is-soċjetà attriċi ta' ammont li skond *hi* ġiet minnha lilha ndebitament imħallas bi żball billi ma kienx dovut. U *billi* l-kontro-talba *li tippretendi* li għandha dritt tressaq is-soċjetà konvenuta hi bbażata fuq l-istess kawżali li kienet kieku tiġġustifika l-eċċezzjonijiet, anke f'dan ir-rigward, il-konvenuta *nomine* naqset li tissodisfa lill-Ewwel Qorti *kif trid* il-liġi. Sewwa jingħad li l-konvenuta appellanti ngħatat l-*opportunità anke f'dan l-istadju ta' appell li tippreżenta* dokumentazzjoni in sostenn tat-talba tagħha biex tingħata l-opportunità li tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet jew kontro-talba iżda din għal xi raġuni baqgħet ma għamlitux;

*In vista tal-premess jidher illi nonostante l-preċiżazzjoni* magħmula f'din is-sentenza fir-rigward ta' l-ewwel aggravju, ma *jirriżulta* xejn ta' sostanza fit-trattazzjoni li jiġġustifika lil din il-Qorti li tirrevoka s-sentenza appellata bħala mhux sostenibbli fil-liġi. Dan naturalment waqt li jibqgħu mpreġudikati d-*drittijiet* ta' *azzjoni spettanti* s-soċjetà konvenuta kontra s-soċjetà attriċi *si et quatenus* waqt li kif sottolineat li l-konsiderazzjonijiet *prima facie* ta' din il-Qorti u ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dawn il-pretensjonijiet ma kellhomx bl-ebda mod jiftiehmu bħala xi opinjoni fuq il-meritu *u kull azzjoni appożita tentata mis-soċjetà* konvenuta tibqa'

*mpreġudikata;*

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.